PDF Compressor Pro





Studenti li ħadu sehem fil-vjaġġ mużikali madwar il-globu.

# The Button Box - a journey around the world

L-istudenti ta' l-iskola Primarja Sir Arturo Mercieca tal-Belt Vittoria tellgħu żewġ *shows*, bl-isem ta' *The Button Box – a journey around the world*, fejn għalihom attenda pubbliku numeruż.

Madwar 200 student fl-età ta' bejn 7 u 11-il sena ħaduna fi vjaġġ mużikali madwar il-globu. Kull vjaġġ għandu l-bidu tiegħu. U anke dan il-vjaġġ beda meta żewġt itfal kienu għand in-nanna tagħhom. Bi żball, waqqgħu kaxxa mimlija buttuni. X'ħin flewhom sew, innutaw li l-buttuni mhumiex kollha l-istess. Apparti d-daqs, il-kulur u l-forma, kull buttuna għandha l-istorja tagħha. Id-diversità ta' dawn il-buttuni ħaditna l-Awstralja, iċ-Ċina, il-Ġamajka, l-Afrika, l-Irlanda u l-Indja, kif ukoll f'xeni ta' baħrin, l-Ewwel Gwerra Mondjali u f'ambjenti teatrali oħra.

Il-vjaġġ kien taħt id-direzzjoni mużikali ta' Mariella Spiteri u d-direzzjoni artistika ta' Ġorġ Mizzi. *The Button Box* kien vjaġġ tassew sabiħ kemm għall-pubbliku kif ukoll għat-tfal stess li ħadu sehem. Dawn l-esperjenzi teatrali jgħinu lit-tfal b'mod edukattiv billi jgħinuhom jiżviluppaw l-għarfien ġeografiku u folkloristiku kif ukoll ikabbru l-kunfidenza fihom infushom, dixxiplina, joħorġu t-talenti tagħhom u jidraw jaffaċċjaw udjenza.



Is-'Sailor's Tavern'

# Jippreżenta t-Teżi Tiegħu lil-Librerija Pubblika

George Refalo, mir-Rabat, Għawdex, u li joqgħod Kerċem ippreżenta t-teżi tiegħu tal-*Masters Degree in Islands & Small States Studies* lil-Librerija Pubblika ta' Għawdex.

Il-preżentazzjoni saret lill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, fil-Librerija Pubblika ta' Triq Vajringa.

It-teżi ta' Refalo li biha kiseb il-*Masters Degree* mill-Università ta' Malta, titratta fuq id-Demokrazija fi Gżejjer Stati Żgħar bħalma hi Malta. Prinċipalment it-teżi minn barra li titratta l-istorja tad-Demokrazija u l-prinċipji tagħha u tiddeskrivi l-għala d-Demokrazija meta mqabbla ma' tipi ta' tmexxija oħra, tibqa' l-aqwa forma ta' Gvern, tanalizza wkoll il-għala stati Gżejjer Żgħar huma aktar possibbli li jkunu demokratiċi minn oħrajn kif ukoll anke meta mqabbla ma' pajjiżi oħra kbar l-aktar minħabba l-insularità tagħhom, l-omogenità u numru maniġġabbli tal-popolazzjoni indiġena.

Biss peress li dan ma jistax jingħad għall-pajjiżi Gżejjer Żgħar



George Refalo jippreżenta t-teżi tiegħu Islands & Small States Studies lill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, fil-Librerija Pubblika ta' Għawdex.

kollha, imma biss għal xi wħud, peress li l-istess elementi li jiffaċilitaw tmexxija demokratika filkażijiet kuntrarji jawguraw ukoll tmexxija dittatorjali, l-awtur janalizza din id-differenza minn erba' aspetti prinċipali li huma l-ġeografija, l-istorja, l-iżvilupp politiku tagħhom u r-reġjun li fih jinsabu.

Minn din l-analiżi jirriżulta li dawk il-Gżejjer li l-aktar li kienu f'pożizzjoni strateġika u importanti u li kkontribwew matul il-ħakmiet barranin u differenti li ħakmuhom u li konsegwenza t'hekk kienu l-aktar influwenti fir-reġjun, barra l-iżvilupp politiku li trawwem f'moħħ l-indiġeni, ġie esperjenzat ukoll b'mod parallel l-iżvilupp ekonomiku u dak soċjali. Dawn flimkien ippermettew lill-indiġeni tal-post jibqgħu iħaddnu u jsaħħu l-prinċipji Demokratiċi anke meta l-ħakkiema kolonjali tawhom l-Indipendenza.

Fl-aħħar l-awtur jinnota li f'dawk ir-reġjuni fejn dawn il-Gżejjer Stati jinsabu u fejn illum minħabba l-kunċett ta' reġjonaliżmu dejjem jikber, l-istess kunċett demokratiku ma tantx qed jitħaddem fost l-istess membri tar-reġjun. Il-Gżejjer Stati Żgħar, li huma l-aktar vulnerabbli u dipendenti fuq l-istati ta' madwar, bejn għax jistgħu jkunu ta' theddida għall-qagħda politika ta' pajjiżi mhux demokratiċi u bejn għax huma dipendenti minn pajjiżi oħra li mhux neċessarjament huma demokratiċi, id-demokrazija fihom tibqa' dejjem mhedda jew imrażżna.

# AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Dr Chris Said, Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u l-Informazzjoni f'laqgħa, f'lukanda f'Għajnsielem, mar-rappreżentanti tas-Soċjetà Għawdxija.

# Jiltaqa' mas-Soċjetà Ċivili

Dr Chris Said, Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u l-Informazzjoni, iltaqa' mar-rappreżentanti tal-*Gozo Business Chamber*, il-*Gozo Tourism Association*, rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali Għawdxin, rappreżentanti tal-*General Workers' Union*, l-Union Ħaddiema Magħqudin, il-*General Retailers and Traders' Union* u l-Kurja t'Għawdex. L-għan ewlieni ta' din il-laqgħa kien sabiex jiġi diskuss il-ħsieb li jiġi stabbilit il-Kumitat Reġjonali għal Għawdex fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Soċjali u Ekonomiku (MCESD).

Dr Said spjega li l-MCESD huwa kunsill li jilqa' fi ħdanu rappreżentanti tal-Gvern, ta' min iħaddem u tal-ħaddiema u li l-funzjoni ewlenija tiegħu hija li jittratta temi ta' importanza nazzjonali, fl-oqsma soċjali u ekonomiċi. Huwa qal ukoll li l-Gvern se jerġa' jwaqqaf l-*Malta-EU Steering Action Committee* (MEUSAC) u li dan il-kumitat se jkun jaqdi l-għan li jkun hemm aktar informazzjoni u l-konsultazzjoni pubblika fejn jidħlu d-direttivi u legislazzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropeja.

Dr Said saħaq illi l-għan tal-Kumitat Reġjonali t'Għawdex ser ikun biex iħeġġeġ diskussjoni aktar miftuħa u ffukata fuq suġġetti speċifiċi u kurrenti li jolqtu l-gżira Għawdxija. Hu żied li l-MCESD f'Għawdex għandu jkun strumentali biex wieħed jifhem aktar l-bżonnijiet u r-realtajiet t'Għawdex fuq livell nazzjonali.



# Żjara ta' kortesija

L-Ambaxxatriċi ta' l-Awstrija għal Malta, l-E.T. Dr. Caroline Gudenus, nhar l-Erbgħa 7 ta' Mejju, għamlet żjara ta' kortesija lill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono fil-Ministeru għal Għawdex.


## Servizz ta' Welfare

Il-Kunsill tal-Komunità Maltija ta' NSW jixtieq javża li qed joffri servizz ta' Welfare Officer darba fix-xahar minn dawn il-postijiet: Mill-uffiċċju ta' **Sydney Multicultural Community Service Centre, Daceyville**, mid-dar tas-**Saċerdoti ta' l-MSSP f'Depiro House, East Sydney**, mill-**Blactown Migrant Resource Centre** u minn **LLandilo.**

Għal aktar informazzjoni jew biex tagħmlu appuntament mal-Welfare Officer f'wieħed minn dawn il-postijiet, ċemplu lil **Rita' O'Dwyer** fuq **0432 437 293**

**Dan is-servizz qed isir permezz ta' grant lill-Kunsill Malti ta' NSW li rċieva mingħand il-Community Relation Commission ta' NSW**